**20 ta' Mejju 1960.**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Emmanuele Grech

*versus*

Albert Cortis

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Mestjer — Banka tal-Lottu — Ħanut.**

***Banka tal-Lottu hija "ħanut" fis-sens u għall-finijiet tal-Liġi tal-Kera; u għalhekk dgawdi l-protezzjoni li dik il-liġi tagħti lill-"ħwienet". Għax ix-xogħol ta' riċevitur tal-lottu jidħol fis-sinifikat tal-kelma "mestjer" li tirrikorri f'din il-liġi speċjali.***

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, biex jiġi awtorizzat jieħu pussess tal-

kamra wżata bħala "Lotto Office", 41 Pawla Hill, Pawla, billi għandha bżonnha għall-użu ta' bintu Mary Ellul;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dak il-Board tat-12 ta' Jannar 1960, li biha ddeċieda billi ċaħad l-eċċezzjoni tal-intimat u laqa' t-talba tar-rikorrent; u għall-fini tal-iżgumbrament ta xahrejn mid-data tas-sentenza; spejjeż a kariku tal-intimat; wara li kkunsidra;

Dwar l-eċċezzjoni tal-intimat, illi l-liġi (Kap. 109) ma titkellimx fuq "business premises", imma fuq "shop", ossija ħanut; u l-protezzjoni mogħtija fl-art. 13 tirrigwarda mhux "business premises", imma "shop", ossija "ħanut";

Id-definizzjoni li tagħti l-liġi tal-kelma "shop", ossija "ħanut", hija kontenuta fl-art. 2, li jgħid:— "The expression 'shop' means any premises principally leased for the sale of any wares or merchandise, whether by wholesale or retail, any market stall, warehouse, and any premises licensed for the sale of wines and spirits or refreshments, any cinema hall, or any other premises leased for the exercise therein of any part or trade, or for use as a club";

L-intimat huwa riċevitur tal-Lottu tal-Gvern, u juża l-post in kwistjoni bħala uffiċċju għal dak l-iskop. Għalkemm huwa jidderiva xi parti mill-għajxien tiegħu minn dan ix-xogħol, ma jidherx illi l-lokal jaqa' taħt ebda punt tad-definizzjoni fuq imsemmija, għaliex l-intimat ma jbiegħx "wares" jew "merchandise", u lanqas ma għandu ebda azjenda oħra kummerċjali hemm hekk;

Hemm fondi oħra li jservu għan-negozju u b'daqshekk ma humiex protetti mil-liġi, għaliex ma jaqgħux taħt l-imsemmija definizzjoni tal-art. 2. bħal, per eżempju, ma huwa l-uffiċċju tal-"Commission Agents", kif mhumiex protetti mil-liġi l-uffiċċji tal-professjonisti, għalkemm iservu għa'l-għajxien tagħhom. Il-fatt illi r-Riċevitur tal-Lottu jrid l-approvazzjoni tal-Gvernatur dwar il-post fejn ikun

sejjer jiftaħ l-uffiċċju tiegħu ma jagħmelx differenza; għaliex dik hija regola dipartimentali, li ma tistgħax tinfluwixxi fuq il-liġi ċivili. B'ebda mod ma jista' jingħad illi "lotto receiver" jeżerċita xi arti jew sengħa, u għalhekk lanqas ma jista' "lotto office" jidħol fil-parti ġenerali tal-imsemmija definizzjoni;

U billi r-rikorrent ikkonferma fix-xhieda tiegħu illi jrid il-kamra in kwistjoni għat-tifla tiegħu miżżewġa, biex iżżidha mal-kumditajiet li ġa għandha, ma hemm ebda ostakolu biex it-talba tiġi milqugħa;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Albert Cortis appella minn dik is-sentenza u talab li tiġi revokata, u konsegwentement tiġi miċħuda t-talba tal-appellat; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fond "de quo" hu banka tal-lottu, fejn jinbiegħu biljetti tal-lottu publiku, jissarfu l-vinċiti, u jinbiegħu biljetti tal-Lotterija Nazzjonali. It-titolari tal-banka, għalkemm jiġi magħżul mill-Gvern, u huwa kontrollat u dixxiplinat fl-eżerċizzju tiegħu mir-Regolamenti, mhuwiex, skond ma jirriżulta mill-provi quddiem il-Qorti (fol. 5), impjegat tal-Gvern. Hu jieħu l-biljetti minn għand il-Gvern skond l-ammont tas-"security" li jkun ta, u l-qliegħ tiegħu fuq il-bejgħ tal-biljett jikkonsisti fil-kummissjoni li jieħu fuq il-flus tas-"sales". Oltre dan il-qiegħ, id-detentur tal-banka jagħmel qliegħ ieħor, taħt forma ta' deduzzjoni perċentwali meta jsarraf biljetti rebbieħa—liema operazzjoni ġiet minn din il-Qorti definita bħala li tikkostitwixxi legalment bejgħ ta' titoli "al portatore" (App. "Zarb vs. Attard", Vol. XXIX-I-1050);

It-teżi tal-appellant hija illi l-fond in kwistjoni jgawdi l-protezzjoni speċjali mogħtija mil-liġi lill-"ħwienet"; u dan għaliex fond simili jidħol fid-definizzjoni ta' "ħanut" mogħtija mill-istess liġi (art. 2 Kap. 109), fejn tikkom-

prendi kwalunkwe fond urban mikri prinċipalment "for the exercise therein of any art or trade";

Fit-test malti tal-liġi, il-kelma "trade" hi tradotta "sengħa"; iżda fit-test oriġinali taljan il-kelma kienet "mestiere";

Ma jistgħax ikun hemm dubju illi f'din il-liġi l-leġislatur ta protezzjoni speċjali lil kull fond li fih il-kerrej jeżerċita abitwalment ix-xogħol jew okkupazzjoni tiegħu. Għalhekk, wara li fid-definizzjoni ta' "ħanut" hu semma dak li użwalment wieħed aktarx jifhem b'dik il-kelma, ċjoè fond ta' xiri u bejgħ ta' oġġetti u stabbilimenti oħra partikulari, mbgħad żied jikkomprendi kull fond ieħor fejn jiġu mmexxija arti jew mestjer ("any art or trade");

Il-kliem "arti" u "mestjer", bħal kliem "art or trade", huma ta' sinifikat ampju ħafna. Veru illi mid-Debates Parlamentari fuq l-abbozz tal-liġi tal-1929 jidher illi l-Ministru tal-Gustizzja li kien jippilota dak l-abbozz qal li ma riedx jikkomprendi fid-definizzjoni tal-kelma "ħanut" is-sempliċi uffiċċju, u fehem illi l-kelma "ħanut" timplika xi ħaġa li tista' tagħti avvjament; iżda kontra dan għandu jingħad, l-ewwelnett illi l-konsiderazzjoni ta' l-avvjament mhix rekwiżit tad-definizzjoni ta' "ħanut" għall-finijiet ta' dik il-liġi kif ġie rilevat minn din il-Qorti fis-sentenza Vol. XXX-I-pp. 5-6; tant illi l-istess Ministru kkonċeda illi d-definizzjoni kienet tikkomprendi wkoll "qualunque luogo di deposito di merci", kif il-kelma "magazzeno" u "warehouse" għandha tfisser. It-tieninett, l-istess Ministru wera wkoll illi bil-kliem "art or trade" ma kellu ebda ħsieb li jillimita d-definizzjoni għall-postijiet fejn jiġu eżerċitati snajja manwali, għaliex dawk l-istess kliem fihom innfishom huma wisq aktar komprensivi;

Biex tiġi kkjarata din l-interpretazzjoni li kien qiegħed jagħti l-Ministru, tajjeb li tiġi riportata "in extenso" l-parti relattiva tad-Debates;

Prof. Dr. Mallia — "La parola 'bottega' è definita abbastanza bene per ciò che riguarda la bottega nel senso

più usuale della parola, vale a dire il sito dove uno espone merci per la vendita o altro; ma se, per esempio, si vuole in questa legge nella parola 'bottega' inchiudere stabilimenti commerciali, per esempio un fondo adibito come banca . . . . . .";

Hon. Prof. Dr. Parnis — "Inchiude luogo di deposito di merci";

Prof. Dr. Mallia — "Io parlo dell'edificio dove una banca esercita il suo commercio bancario";

Hon. Prof. Dr. Parnis — "C'è nella legge 'the exercise therein of any art or trade' ";

Prof. Dr. Mallia — "Se l'Onor. Ministro chiama arte o mestiere la professione del banchiere oppure l'ufficio commerciale di un agente, è un'altra cosa";

Min dan jidher assolutament ċar illi fil-fehma stess tal-Ministru il-kliem "exercise of any art or trade" kienu jkopru banek (għad-differenza ta' dak illi bi żvista evidenti jingħad fis-sentenza Vol. XXX-I-239) u uffiċċji ta' aġenziji kummerċjali. Appuntu kif ġie rilevat minn din il-Qorti fis-sentenza Vol. XXX-I-239, ir-raġuni li l-Ministru ma aċċettax li jżid mal-kliem "arte o mestiere" ("trade"), l-oħrajn (suġġeriti mill-Oppożizzjoni) "o di qualunque impresa o agenzia commerciale", ma kienetx li jeskludi l-post mill-operazzjoni tal-liġi, iżda evidentement li dawn huma kompriżi fit-terminu ġenerali ta' "trade" (Vol. XXX-I-239);

Mill-bqija, appena hemm bżonn jingħad illi għalkemm dak li jingħad fil-Parlament għandu l-importanza tiegħu biex jiri l-iskop ġenerali tal-liġi, u jista' jgħin biex ineħħi xi ambigwità jew oskurità, b'dan kollu l-liġi hi dik li hi; u meta l-kliem tagħha hu ċar, dan għandu jkollu l-effett tiegħu fid-dawl tal-ispiritu tal-liġi, indipendentement mid-Debates fil-Parlament;

Sa hawn, mela, jidher illi l-kelma "trade" użata fid-definizzjoni tal-liġi ma tfisserx biss "sengħa", iżda tikkom-

prendi żgur ukoll kwalunkwe attività kummerċjali, purkè eżerċitata fil-fond. Dan ġie anki enfatikament affermat minn din il-Qorti fis-sentenza ġa ċitata, fejn intqal illi "il-kelma 'trade' għandha tittieħed li tfisser 'commerce of any kind', kif huwa magħruf minn kulħadd";

Infatti, kif intqal, il-kliem "art or trade" u l-kliem "arti jew mestjer", speċjalment kombinati flimkien, fil-kontest ta' definizzjoni bħal dik in eżami, għandhom fihom innfushom tifsir wiesgħa li għandu jirċievi l-applikazzjoni tiegħu; għax ankorkè l-interpretazzjoni kellha tkun stretta', dan ma jfisserx illi jistgħu jiġu esklużi mill-kliem tal-liġi fondi li skond is-sinifikat raġjonevoli ta' dawk il-kliem huma kompriżi fihom;

Issa, il-kelma "art", fit-tifsir naturali tagħha, tfisser mhux biss l-arti liberali jew "belle arti", bħal pittura, skultura, etċ. iżda tfisser ukoll "profession, skilled trade or craft" (Chamber XXth. Cent. Dict.). Fil-kawża Ingliża "Postman vs. Home Hospitals Assocn. (1879)", 27Ch. D. 81 n., il-pattijiet tal-kiri ta' fond kienu jistipulaw illi l-kerrej ma kellux juża l-fond jew jippermetti li jiġi wżat "in the exercise of any art, trade or business, occupation or calling whatsoever". Fil-fatt il-konvenuti, bħala kerrejja, użaw il-fond biex il-pazjenti jmorru hemm "for the purpose of being there visited by the physician". Jessel, M.R., irritjena illi "under the word 'art' alone such a use of the house is prohibited";

Il-Qrati Tagħna wkoll, meħud rigward tal-iskop tal-liġi, konsistentement taw lill-kelma "arte" użata fil-kontest tal-paragrafu (d) tal-art. 305 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15) signifikat ampju, b'mod li tikkomprendi anki l-"mestieri"; "giacchè lo spirito della legge è quello di non privare il debitore dei mezzi di sussistenza per sè e per i suoi figli" (Kollez. Vol. X. p. 547; ara Vol. VI, p. 694; XXX-II-404, 73; Vol. XXXV-II-382);

Issa, l-istess kelma "mestiere" wkoll, fiha nnfisha, tfisser "esercizio di arte o negozio o lavoro in servizio del

pubblico, per vivere" (Zingarelli, Vocab. della Lingua Italiana, 1926);

Dan hu wkoll is-sinifikat tal-kelma "trade". Fuq ġa ntqal i'li din il-kelma tfisser kummerċ jew negozju ta' kull xorta; iżda dan ma hux is-sinifikat esklużiv tagħha. "No doubt, in a great many contexts the word 'trade' indicates a process of buying and selling, but that is by no means an exhaustive definition of its meaning. It may also mean a calling or industry or class of skilled labour" (per Lord Hewart in Skinner vs. Jack Breech Ltd. 1927, 2 K. B. 200). "It has been said that 'trade' strictly means the buying and selling of goods; that, however, is a specialised meaning of the word. The present primary meaning is much wider, covering as it does the pursuit of a calling or handicraft, and its history emphasises rather use, regularity and course of conduct (Bank of New South Wales vs. Commonwealth (1948) per Dixon J.). " 'Trade' is not only in the ethymological or dictionary sense, but in legal usage, a term of the widest scope. It is connected originally with the word 'tread', and indicates a way of life or an occupation" (per Lord Wright in Government Officers vs. Bolton Corfin (1943) A.C. 166);

Il-Qorti hi ta' fehma illi, meta wieħed iqies l-oġġett u l-iskop tal-liġi in kwistjoni, ma għandux ikun hemm dubju illi l-kliem "art or trade" għandu jkollhom is-sinifikat ampju naturali tagħhom kif fuq spjegat. L-oġġett tal-liġi kien i'li jagħti miżura ta' sigurtà ta' detenzjoni lill-kerrej ta' fondi urbani in ġenerali, b'mod illi s-sid ma baqgħax intitolat li jirrifjuta t-tiġdid tal-lokazzjoni ħlief fil-każijiet espressament stabbilit fl-istess liġi. Fost dawn il-każijiet eċċettwati (taħt ċerti kondizzjonijiet) hemm dak ta' meta s-sid jeħtieġ il-fond għall-użu tiegħu; iżda din l-eċċezzjoni l-leġislatur ma riedhiex li tapplika fil-każ ta' "ħwienet", u mit-termini tad-definizzjoni jidher assolutament ċar illi f'dik l-espressjoni l-leġislatur ried idaħħal kull fond li fih il-kerrej jaħdem ix-xogħol tiegħu u l-okkupazzjoni, u jaqla' l-għajxien tiegħu. Ma jagħmelx sens, skond dan l-iskop tal-liġi, li tiddifferenzja bejn xogħol jew okkupazzjoni li

fih jipprevali x-xogħol tad-idejn, minn xogħol jew okkupazzjoni li fih jipprevali x-xogħol tal-moħħ;

Issa, fil-fond in kwistjoni l-appellant jeżerċita l-mestjer tiegħu ta' riċevitur tal-lottu publiku. Dan hu x-xogħol tiegħu eżerċitat f'dak il-fond. Hawn huwa rawwem il-klijentela, u minn dan ix-xogħol jiddependi l-qliegħ tiegħu. Xejn ma jimporta illi dan il-qliegħ isir b'kummissjoni jew perċentwali mħolli mill-Gvern u hu kontrollat. Hemm bosta xorta ta' negozji u okkupazzjonijiet oħra fejn il-prezz hu fissat mil-liġi u l-profitt kontrollat. Anki jekk għal dak li hu bejgħ tal-biljetti l-appellant jaġixxi bħal speċi ta' aġent tal-Gvern, dan ma jfisserx illi hu mhux jeżerċita "arti jew mestjer" fis-sens fuq imsemmi. Anki l-bejjiegħa tal-ħalib pasturizzat, per eżempju, huma aġenti tal-Gvern u jitħallsu b'kummissjoni, kif ukoll il-bejjiegħa tal-bolli, u oħrajn;

Għalhekk il-Qorti tirritjeni illi l-fond in kwistjoni hu protett, u l-appellat (li, inċidentalment, għadu kemm xtara l-fond, meta kien ġa użat bħala banka tal-lottu) ma jistgħax jirrifjuta r-rilokazzjoni għar-raġuni msemmija fir-rikors tiegħu;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-imsemmi Albert Cortis, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiċħad it-talba tal-imsemmi Emmanuele Grech; iżda, minħabba n-novità tal-kwistjoni, l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-appellat.